# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 8/2022 BS**

**JM**

**-vs-**

**L-Avukat Dottor Joseph Grech li b'digriet tal-21 ta' Ġunju 2022 ġie nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsiefra KUM; li b'digriet tas-27 ta' Settembru 2022 ġie revokat l-inkarigu tal-Avukat Dottor Joseph Grech qua kuratur deputat**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur JM illi ppremetta:**

1. ILLI l-attur kien iżżewweġ lill-konvenuta nhar l-għaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) f'Sarangani Highlands Garden, Purok Wal, Tamber, General santos City il-Filippini;

2. ILLI dan iż-żwieġ kien minn l-inizju tiegħu null u bla effett stante li l-kunsens da parti tal-konvenuta kien simulat, bl-eskulużjoni [sic] tal-bona taż-żwieġ;

3. ILLI dan iż-żwieġ kien ukoll null u bla effett minħabba difett serju ta' deskrizzjoni fl-għoti tal-kunsens taż-żwieġ da parti tal-partijiet kif ukoll minħabba l-inkapaċità tagħhom li jassumi l-oneri u taż-żwieġ;

4. ILLI sa ċerta punt iż-żwieġ tal-partijiet kien wieħed mingħajr pjan u kien wieħed għall-konvenjenza fis-sens illi għal l-attur [sic] kien wieħed biex joħroġ Mis-sitwazzjoni [sic] ħażina li kien fiha fir-rigward [sic] tal-konvenuta biex sempliċiment tottjeni ħajja aħjar f'pajjiż esteru;

5. ILLI din il-kawża qed issir u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament minn JM li għandu konoxxenza vera u [sic] propja tal-fatti in kawża;

**Talab lil din l-Onorabbli Qorti:**

Tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti [sic] ċelebrat f'Sarangani Highlands Garden Purok Wal Tamber Generl Santos City il-Filippini u dan għar-raġunijiet Suesposti [sic].

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Joseph Grech bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsiefra KUM illi eċċepixxa:**

1. ILLI huwa ġie nominat bħala kuratur permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-konvenuta KUM;

2. ILLI, l-esponenti ma huwiex edott mill-fatti stante illi huwa ma għandux kuntatt ma' l-istess [sic] persuni;

3. ILLI għaldaqstant l-esponenti qiegħed minn issa jirriserva li jressaq dawk l-eċċezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistgħu jirriżultaw neċessarji matul il-kawża skond [sic] il-liġi.

**Preliminari:**

**Rat** illi fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2022 il-Qorti ddifferiet il-kawża għat-trattazzjoni limitatament dwar l-eċċezzjoni preliminari;

**Semgħet** ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawża;

**Rat** illi fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2022 l-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum limitatament dwar l-eċċezzjoni preliminari dwar il-privilegium fori;

**Ikkunsidrat:**

**L-Azzjoni**

Il-kawża odjerna tittratta talba għall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet.

Stante illi ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment il-partijiet isseparaw de facto minn xulxin u llum il-ġuranata jgħixu ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin.

Fil-kaz odjern billi l-attur ma kellux ħjiel fejn kienet qed tgħix il-konvenuta talab illi jinħatar kutatur sabiex jirrappreżentaha. Wara li saret id-debita pubblikazzjoni tal-bandu u ġie nominat Dr Joseph Grech bħala kuratur tal-konvenuta, dan ippreżenta risposta ġuramentata fejn afferma li ma kienx edott mill-fatti u żamm ferm illi jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri li jirriżultaw meħtieġa matul il-kawża.

L-għada li ġiet ippreżentata r-riposta ġuramentata l-attur intavola rikors fejn informa lill-Qorti li l-konvenuta kienet qed tgħix Malta u talab li tigi notifikata bl-atti fl-indirizz Birżebbuġa.

Wara li l-konvenuta ġie effettivament notifikata bl-atti talbet li tiġi rappreżentata minn Avukat tal-Għajnuna Legali liema talba ġiet milqugħa u ġiet appuntata Dr Deborah Camilleri bħala Avukat tal-Ghajnuna Legali. Dakinhar stess ġiet revokata l-ħatra ta' Dr Joseph Grech bħala kuratur tal-konvenuta.

F'dan l-istadju mbagħad il-konvenuta ppreżentat rikors fejn fih talbet lill-Qorti tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi u sollevat l-eċċezzjoni tal-privilegium fori.

**Id-Dritt**

Rigward l-eċċezzjoni tal-privilegium fori din hija eċċezzjoni preliminari. Fil-liġi nostrana sewwasew is-subinċiż tnejn (2) tal-Artikolu 728 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa pprovdut illi kull eċċezzjoni oħra li ma tkunx tqajmet fit-tweġiba orġinali tista' titħalla titressaq biss jekk l-konvenuta tkun talbet il-permess tal-Qorti b'rikors biex titħalla tressaqha. Imbaghad l-Artikolu 731 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li dik ir-regola ma tgħoddx fil-każ ta' dawk l-eċċezzjonijiet li b'dispożizzjoni espressa tal-liġi jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża jew li jinqalgħu waqt is-smigħ tal-kawża.

Fil-każ tal-lum l-eċċezzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti hija dik tal-privilegium fori li hija eċċezzjoni li trid titressaq *in limine intus* u għalhekk ma japplikax għaliha dak dettat fl-Artikolu 731 msemmi. Sta di fatt li tali eċċezzjoni hija waħda li skont ġurisprudenza stabbilità trid titqajjem fil-bidu nett tal-kawża għaliex inkella titqies bħala rinunzjata.[1]

Barra minn hekk il-proċedura mħaddma mill-konvenuta u ċjoè li tippreżenta rikors li fih tqajjem din l-eċċezzjoni ma hix waħda korretta. Li kellha tagħmel il-konvenuta kien li titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tingħata l-opportunità tressaq eċċezzjoni ulterjuri għal dawk ġa mressqa fir-risposta ġuramentata tagħha. Dan ma għamlitux u għalhekk din il-Qorti ma tistax issa tiżen l-argumenti mqajma fir-rikors tagħha in sostenn tal-eċċezzjoni ta' privilegium fori.

In vista ta' dan din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad it-talba tal-konvenuta kif magħmula fir-rikors tal-24 ta Ottubru, 2022.

[1] Concetta Mallia -vs- Ronald sive Ronnie Borg, Qorti tal-Appell, deċiża 6 ta' Ottubru, 2010.

**Decide:**

Għaldaqstant in vista tal-premess u l-motivi ġa espressi din il-Qorti qed tiċħad it-talba tal-konvenuta kif imressqa fir-rikors tagħha tal-24 ta' Ottubru, 2022.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza preliminari jitħallew għall-ġudizzju finali.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur